MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2011

Numru 463/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Yousef Mohammed Abdi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Yousef Mohammed Abdi ta' sitta u tletin (36) sena, iben Mohammed Abdi u His imwieled Somalia fl-1 ta' Lulju 1974 u residenti f'Safi Centru Maghluq, Malta, dententur tan-Numru tal-Pulizija 09A-008, talli: (1) fl-2009 u fix-xhur ta' wara, f'Malta, imbarka minn Malta minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill-Ufficjal Principali ta' l-Imigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg u dan bi ksur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.217 tal-

Ligijiet ta' Malta; (2) kif ukoll taht l-istess cirkostanzi ikkommetta harba minn post ta' kustodja u dan bi ksur tal-Artikolu 151 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha ta' dan il-kaz;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet l-ammissjoni ta' htija ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni in-natura serja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat izda hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija;

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 28 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17 u 151 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija millum.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------